# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum l-Erbgħa tmintax (18) ta Ġunju, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 2/2021 MH**

**Numru: 15**

**Kirsty Portelli**
**vs**
**Bord ta' Eżaminaturi stabbilit skont l-Artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta, Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tal-4 ta' Jannar 2021** permezz ta' liema ppremettiet u talbet –

1. *"Illi r-rikorrenti gradwat b'suċċess mill-Universita' ta' Malta f'Novembru 2018 u ottjeniet il-kwalifika indikata fl-Artikolu 6 subinċiż (ċ) tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi r-rikorrenti tissodisfa wkoll l-kwalifiki l-oħra kollu li huma indikati fl-Artikolu 6 fuq ċitat li huma tassattivi biex persuna tinħatar Nutar pubbliku;*

3. *Illi r-rikorrenti applikat għall-eżami ta' kwalifika indikat fl-Artikolu 8 tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta u l-eżami*[1] *mertu ta' dan ir-rikors sar fit-28 ta' Ġunju, 2020;*

4. *Illi l-eżami kellu jibda fid-9am ta' filgħodu iżda ma bediex fil-ħin. Fil-fatt il-kandidati għall-eżami tħallew jidħlu fil-kmamar rispettivi għall-habta tad-9:15am. L-eżami per se beda fid-9:20am;*

5. *Illi madwar 20 minuta wara li beda l-eżami, r-rikorrenti giet avviċinata minn-Nutar Dottor Keith Francis German, in-Nutar Principali tal-Gvern, li skond il-liġi huwa wkoll membru tal-Bord tal-Eżaminaturi stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-imsemmi Nutar Prinċipali ha f'idejh file li essenzjalment kien fih kopja tal-Liġijiet applikabbli fosthom il-Kodiċi Civili u minn dan il-Kodiċi nehha pagni li kellhom xi notamenti fuqhom. Ir-rikorrenti staqsiet lin-Nutar Prinċipali jekk dan li gara kienx ifisser li hi ser tiġi skwalifikata jew teħel mill-eżami u l-imsemmi wegibha li ma kienx ser ikun il-każ għax il-file in kwistjoni r-rikorrenti kienet għadha lanqas biss fetħitu;*

7. *Illi dan kollu ġara fl-ewwel għoxrin minuta tat-tieni karta ta' eżami li jdum għaxar siegħat;*

8. *Illi r-rikorrenti lestiet l-eżami fis-7pm ta' filgħaxija. Wara li lestiet hija tkellmet man-Nutar Prinċipali li saħansitra staqsiha kif kienet marret u ċċaralha anki xi punti dwar mistoqsijiet fil-karta tal-eżami. Qabel telqet ir-rikorrenti staqsiet lin-Nutar jekk il-karti li kienu tteħdula setgħetx teħodhom lura. Hu weġiba li ma setgħax jagħtihomla lura biex ikun ġust ma' persuni ohra li wkoll kienu tteħdulhom xi karti. F'dan il-punt r-rikorrenti reġgħet staqsiet lin-Nutar Prinċipali jekk kienx ser ikun hemm xi konsegwenza u l-imsemmi wieġeb fis-sens illi rrikorrenti ma kelliex għalfejn tinkwieta u f 'pessima ipoteżi hija kienet ser tiċi mwiddba mill-Bord tal-Eżaminaturi waqt l-eżami orali;*

[1] Paper 2

9. *Illi fit-2 ta' Lulju, 2020, r-rikorrenti irċeviet email mingħand l-imsemmi Nutar Prinċipali fejn huwa informaha illi wara li l-materjal ġie eżaminat mill-Bord tal-Eżaminaturi, kien ġie determinat illi hija kellha tiġi skwalifikata u kkonsidratha li falliet mill-eżami in kwistjoni (ara dokument anness u mmarkat DOK KPI);*

10. *Illi dak inhar stess r-rikorrenti wieġbet lin-Nutar Prinċipali permezz ta' email fejn talbitu sabiex fiċ-ċirkostanzi tidher quddiem il-Bord tal-Eżaminaturi sabiex il-Bord jismagħha u hi tingħata l-opportunita' li tiddefendi l-każ tagħha (ara dokument anness u mmarkat DOK KP2);*

11. *Illi l-għada t-3 ta' Lulju, 2020, r-rikorrenti irċeviet tweġiba mingħand in-Nutar Prinċipali liema tweġiba testwalment kienet tgħid illi (DOK KP3):*

*"Your matter has been discussed with the Board.*

*As no submissions can disprove the fact that you were in possession of material which was expressly prohibited both in prior information communicated to you prior to the exam and also specifically in the introductory page of both examination papers, irresipectively of whether you made use of it or not, you broke trust and commited a serious breach of examination rules. Hence the decision of the Board is irrevocable"*

12. *Illi fl-4 ta' Settembru, 2020 r-rikorrenti kitbet lin-Nutar Prinċipali u lill-Ministru intimat u ilmentat li ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi. Ir-rikorrenti talbet lill-Bord jikkonsidra d-deċiżjoni tiegħu (DOK KP4 u DOK KP5);*

13. *Illi fid-9 ta' Settembru, 2020, r-rikorrenti irċeviet tweġibha mingħand in-Nutar Prinċipali li infurmaha:*

a. *Illi l-Bord tal-Eżaminaturi kien unanimament iddeċieda illi hija għandha tkun skwalifikata;*

b. *Illi hija kienet vjolat regola li skond l-intimati tirriżulta minn punt numru '4' tal-minuti tal-laqgħa li saret fis-16 ta' Marzu, 2020 fl-Uffiċċini tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern;*

c. *Illi l-Bord ma kienx ser jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu peress li hija kienet inqabdet "in flagrante" u li dan kien każ "ipsa loquitur". Skond l-intimati li kieku r-rikorrenti kellha tingħata 1-opportunita' tiddefendi ruħha, ir-riżultat kien ser ikun l-istess;*

14. *Illi l-punt numru '4' tal-minuti tal-laghqa surreferita allegatament fih is-segwenti test:*

*"Text which candidates shall bring for the examination shall be checked. Candidates may bring the Laws of Malta; however they are not allowed to bring any speciment written clauses and, if caught with such specimen drafts, they Will be automatically disqualifed"*

15. *Illi l-minuti surreferiti qatt ma ġew fil-pussess tar-rikorrenti u wieħed jassumi li m'humiex pubbliċi;*

16. *Illi r-rifjut tal-Bord li jisma' lir-rikorrenti u jagħtiha 1-opportunita' li tiddefendi ruħha minn dak li kienet qed tiġi akkużata bih;*

17. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-għemil tal-Bord intimat huwa ultra vires stante illi l-Bord naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew htiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak 1-egħmil;*

18. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-għemil tal-Bord intimat huwa ultra vires ukoll stante illi dan l-egħmil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa u ssejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

19. *Illi ghaldaqstant qegħdha ssir dina l-kawża;*

20. *Illi r-rikorrenti tiddikjara illi taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, r-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li l-għemil amministrattiv magħmul mill-Bord intimat, riferibbli għad-deċiżjoni tal-Bord li wasslet għall-iskwalifika tar-rikorrenti flimkien mad-dikjarazzjoni li r-rikorrenti m'għaddietx*

*mill-eżami stabbilit permezz tal-Artikolu 8 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta huwa null, invalidu u mingħajr effett fil-liġi stante li tali għemil amministrattiv imur kontra ddisposizzjonijiet tal-Artiklu 469A(l)(b)(ii) u (iii);*

*Bl-ispejjeż, inklużi iżda mhux biss dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 4571/2020 kontra l-intimati u li huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tat-23 ta' Frar 2021** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *Illi preliminarjament, il-Bord tal-Eżaminaturi mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Il-Bord huwa awtorità b'setgħat kważi-ġudizzjarji u m'għandux leġittimazzjoni passiva u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, filwaqt li l-membri tal-Bord m'għandhomx jitħarrku biex iwieġbu għal għemil ġudizzjarju tagħhom u din l-immunità mhix xi privileġġ tagħhom iżda hija meħtieġa għall-ħarsien tal-indipendenza tagħhom (ara Gatt Tarmac Limited vs. Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex) et deċiż nhar is-7 ta' Awwissu 2013 mill-Qorti tal-Appell; u Waste Collection Limited vs. Il-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi et deċiż nhar id-29 ta' Novembru 2013, Qorti tal-Appell);*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, f'dawn it-tip ta' proċeduri, l-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa għaliex il-Bord mexa strettament fuq il-parametri tal-liġi u ċjoe tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili);*

4. *Illi rigward fatti, l-esponenti ma jaqblux mal-gran parti tal-fatti kif esposti mir-rikorrenti u dan kif ser jiġi muri aħjar matul il-kawża, iżda f'dan l-istadju, l-esponenti jixtiequ jirrilevaw li dan li ġej:*

*a) Illi l-eżami ma bediex tard. Kien hemm proċeduri li kellhom jittieħdu minħabba l-pandemija tal-Covid 19 u apparti minn hekk, kulħadd kellu jipprova l-laptop li ġie pprovdut mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern. Dan kollu kien parti mill-proċess tal-eżami u kien inkluż fid-disa' sigħat mogħtija;*

*b) Illi l-proċess sabiex jiġu skrutinizzati* d-dokumenti *beda fl-09.45am. Ir-rikorrenti kienet it-tielet waħda fil-kamra u kienu għall-ħabta tal-10.15am li n-Nutar Prinċipali tal-Gvern, Dr. Keith German, beda jiċċekkja* d-dokumenti tar-rikorrenti *– u żgur li mhux wara biss għoxrin minuta;*

*c) Illi meta Dr. German beda jfittex fil-liġijiet tar-rikorrenti, hija dehret nervuża ħafna. Minn eżami tad-*dokumenti*, fil-Kodiċi Ċivili kien hemm ħafna klawsoli tal-kuntratti miktuba u l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet inekwivoka. Kien hemm klawsoli li setgħu jiġu użati fil-mistoqsijiet tat-tieni karta, jiġifieri għall-eżami mertu tal-kawża. Ma kinux sempliċement notamenti iżda paragrafi sħaħ li jistgħu jintużaw f'kuntratti differenti. F'dan il-waqt, tista' tgħid kien hemm ammissjoni min-naħa tagħha meta esklamat dan li ġej ma' Dr. German - "Kif tridni niftakar dawk il-klawsoli kollha bl-amment?". Dr. German infurmaha li tista' tkompli l-eżami u li l-Bord jiddeċiedi wara li jkun xtarr il-każ. Fl-ebda waqt ma serrħilha rasha li kollox kien sew u li ma kellhiex għalfejn tinkwieta;*

*d) Illi uffiċjalment l-eżami kien ta' disa' sigħat u mhux għaxra iżda ngħatat siegħa żejda għaliex kien hemm ftit kandidati li ma kinux lesti. Ir-rikorrenti kienet l-aħħar waħda li ssottomettiet il-karta fis-7.00 ta' filgħaxija. Fil-fatt Dr. Keith German u Dr. Paul Callus (in-nutar inviġilatur) kellhom iwaqqfuha;*

*e) Illi s-sekwenza tal-fatti kif iddikjarata bil-ġurament mir-*rikorrenti *mhix korretta. Fil-fatt, kif lestiet l-eżami u tat il-karti lura, ir-rikorrenti dehret inkwetata u staqsiet lil Dr. German jekk setgħetx tieħu lura l-karti sabiex tistudja fuqhom għall-orali. Dr. German infurmaha li ma setax jirritornahom għaliex kellu l-obbligu li jinforma lill-Bord tal-Eżaminaturi. Mhux minnu li Dr. German qalilha li in pessima ipotesti kienet ser tiġi biss imwiddba mill-Bord waqt l-eżami tal-orali;*

*f) Illi rigward il-minuti msemmija f'paragrafu 15 tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, l-esponenti jirrilevaw li l-minuti tal-*

*laqgħa huma pubbliċi. Huma minuti tal-ftit punti li jiġu diskussi fil-laqgħa ta' qabel l-eżami.*

5. *Illi l-esponenti jisħqu bil-qawwa li l-Bord mexa strettament skont il-poteri tiegħu u meta għandek prova daqstant ċara li r-rikorrenti daħħlet materjal magħha li ma kienx permess għall-eżami, il-Bord, wara li eżamina d-dokumenti li nstabu fil-pussess tar-rikorrenti waqt l-eżami, ikkunsidra l-każ li kellu quddiemu bħala res ipsa loquitur u mexa skont il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ddeċieda, bħal dejjem, fil-parametri tas-setgħat tiegħu;*

6. *Mill-iskambju ta' emails imsemmija fir-rikors promotur u mehmużin miegħu stess, huwa evidenti kemm ir-rikorrenti ngħatat opportunita' li tinstema' u l-emails tagħha ndirizzati lil Dr. Keith German (li kien qed iwieġeb għan-nom tal-Bord) ġew imwieġba dejjem u bla dewmien;*

7. *Illi għandu ċertament jirriżulta li r-rikorrenti spiċċat f'din is-sitwazzjoni minħabba l-aġir żleali tagħha fejn ippruvat tikkopja f'eżami tal-warrant għal nutar u kien l-aġir tagħha stess li wassal lill-Bord li jiskwalifikaha mill-eżami;*

8. *Illi jidher li r-rikorrenti qed tippretendi li l-Bord għandu jagħlaq għajnejh iżda dan ma jista' qatt isir għaliex il-prinċipji tal-onestà u s-serjetà, li tant huma neċessarji f'kull professjoni, imma b'mod speċjali f'dik tan-nutar, ma jistgħux jiġu mpoġġija fil-ġenb. L-integrità hija essenzjali għall-professjoni ta' nutar meta wieħed iqis, fost affarijiet oħra, kemm in-nutar iżomm flejjes kbar tal-kljienti fil-kustodja u taħt il-ħarsien tiegħu. Dawn il-valuri ma jistgħux ikomplu jintilfu u huwa għalhekk li l-Bord jagħmel minn kollox biex ikompli jenfasizza kemm huwa essenzjali li tkun rett u timxi b'mod dritt mingħajr tgħawwiġ u tbażwir;*

9. *Huwa verament b'dispjaċir li l-kwistjoni qegħda ddur fuq il-Bord bħallikieku kien il-Bord li mexa ħażin u mhux ir-rikorrenti;*

10. *Irid jiġi mfakkar li r-rikorrenti kienet ben konxja tar-regolamenti dwar dak li hu permess li jiddaħħal waqt eżami tal-warrant għal nutar, għaliex is-sena ta' qabel hi kienet diġa' għaddiet minn dan il-proċess sħiħ iżda sfortunatament ma kinitx ottjeniet il-gradi neċessarji;*

*11. Illi in finis, l-esponent jixtieq jerġa' jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, li hawnhekk qed nitkellmu dwar* ***ezami ghal warrant ta' professjoni serja b'obbligi gravuzi****. Nagħmel referenza għal-****Leġislazzjoni Sussidjarja 55.09 li tirrigwarda r-Regolamenti dwar il-Kodiċi ta' Etika tan-Nutara*** *fejn in-nutar għandu, fost ħafna doveri oħra:*

*a) jaġixxi b'dinjità u jrid josserva l-valuri fundamentali tal-verità, l-onestà, l-ekwità, l-integrità, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-libertà; u*
*b) joqgħod lura milli juża metodi jew jadotta attitudnijiet li probabbilment ixejnu r-reputazzjoni tajba tiegħu jew tagħha u/jew dik tal-professjoni tiegħu jew tagħha.*

*12. L-esponenti umilment jaraw li r-rikorrenti, saħansitra qabel ma ottjeniet il-warrant, diġà aġixxiet b'mod li jmur kontra dawn il-valuri essenzjali li, kull ma jmur, qegħdin jisfumaw fix-xejn;*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa kollha t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Rat ukoll l-atti tal-proċeduri kostituzzjonali Rik Nru 226/20 *Kirsty Portelli vs L-Avukat tal-Istat et* li s-sentenza dwarhom ser tingħata llum ukoll. Jiġi premess li dawn il-kawżi tmexxew flimkien.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi tallega li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Eżaminaturi[2] ("il-Bord") permezz ta' liema hija ġiet skwalifikata mill-eżami ta' kwalifika li jsir ai termini tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess Bord li hija m'għaddietx minn tali eżami, saru bi ksur tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) u (iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement hija qed titlob li dawn jiġu dikjarati nulli, invalidi u mingħajr effett fil-liġi.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirrespinġu tali pretensjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti fost oħrajn jirriżulta li –

i. F'Novembru 2018 l-attriċi gradwat mill-Universita' ta' Malta fid-dottorat fil-Liġi (LL.D) ai termini tal-artikolu 6 (ċ) tal-Kap 55;

[2] Stabbilit ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta

ii. Fis-sena 2019 hija kienet resqet għall-eżami ta' kwalifika ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 55 bil-għan li jekk tgħaddi, isimha jiġi sottomess lill-President ta' Malta sabiex tiġi uffiċjalment maħtura bħala nutar pubbliku ai termini tal-artikolu 9 et seq tal-Att;

iii. L-attriċi ma kinitx għaddiet minn dak l-eżami;

iv. Fis-sena 2020 hija reġgħet applikat biex tersaq għall-eżami ta' kwalifika. Fis-16 ta' Marzu 2020 saret laqgħa fl-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern fejn il-kandidati prospettivi ingħataw informazzjoni minn Dr Keith German marbuta mal-eżami u ġie diskuss anke ż-żmien meta dan kellu jsir in vista tal-fatt li f'dik l-epoka Malta, bħad-dinja kollha, kienet milquta u għaddejja mill-pandemija tal-Covid-19 u kien hemm numru ta' restrizzjonijiet fis-seħħ b'rabta mas-saħħa pubblika;

v. Dr German xehed li fost l-informazzjoni li huwa ta lill-istudenti dakinhar kien hemm li huma setgħu jdaħħlu magħhom il-liġijiet li kienu rilevanti għall-eżami;

vi. In-Nutar Dr Daniel Vella li wkoll kien għamel l-eżami mal-attriċi fl-2020 xehed hekk dwar din il-laqgħa[3] -

*"Fl-istess laqgħa, Dottor German infurmana, u ċioe' lili u lill-kandidati l-oħrajn li konna preżenti għall-laqgħa, li dakinhar tal-eżami huwa permess li ndaħħlu magħna t-test tal-kapitli tal-Liġijiet li huma relevanti kif ukoll illi maġenb l-artikli jistgħu jinkitbu referenzi żgħar, bl-esklużjoni speċifika li ma jistgħux jinkitbu paragrafi, u jitwaħħlu post-it notes sabiex wieħed ikun jista' faċilment isib l-artiklu meħtieġ waqt l-eżami.*

*Waqt din il-laqgħa jien kont ben konoxxenti ta' x'għandi nistenna fil-karti tal-eżami u li abbozzi ta' kuntratti u/jew ta' klawsoli li normalment jitniżżlu fil-kuntratti mhumhiex permessi li jiddaħħlu minna l-kandidati."*

vii. L-eżami in kwistjoni jikkonsisti f'żewġ karti u fis-sena 2020 l-ewwel karta saret fil-21 ta' Ġunju u t-tieni karta saret fis-27 ta' Ġunju. L-ewwel karta normalment tkun ta' xi 6 jew 7 siegħat, filwaqt li t-tieni karta circa 8 jew 9 siegħat;

viii. Fuq iż-żewġ karti[4] kien hemm linji gwida għall-kandidati u fosthom kien hemm li "*It-testi tal-liġi jistgħu jiġu kkonsultati.*"

ix. L-attriċi xehdet hekk[5]-

[3] Fol 132
[4] Fol 134 et seq
[5] Fol 150 et seq

*"Xhud: Mela, bħala regolamenti ma kien hemm xejn fiss. Jiġifieri bil-miktub, qatt ma aħna kellna regolamenti ta' x'affarijiet nistgħu ndaħħlu u ma ndaħħlux. Li naf żgur, ovvjament kulħadd kien jaf li d-drafts ta' kuntratti ma jistgħux jiddaħħlu. Però jiena kont nistudja, ovvjament, ma' kollegi oħrajn, u affarijiet to refresh our memory, biex niftiehmu jiġifieri, kulħadd kien jikteb. Ovvjament, ma tkunx l-intenzjoni li tikkopja għax inti, kif tista' tara mill-mistoqsijiet tal-eżami, qatt ma jkun hemm draft straight forward.*

*Imħallef: Tajjeb. Però l-mistoqsija ma kinitx ... Xi stajt iddaħal?*

*Xhud: Il-liġijiet sana, ... jiena, as fejn naf jiena, kulħadd kien ikollu xi noti miktubin.*

*Imħallef: Mhux hekk saqsejtek. Mhux xi jkollu notamenti, xi stajt iddaħħal.*

*Xhud: Qatt ma kien hemm regolamenti bil-miktub, jiġifieri qatt ma nista' ngħidlek nistgħu ndaħħlu hekk jew hekk.*

*Imħallef: Ok. Dottoressa Fiorella.*

*Av: Naqblu illi fil-karta tal-eżami ta' dik is-sena kellkom miktub illi l-liġijiet kienu permessi? Jekk ma tiftakarx nista' nurik ...*

*Xhud: Fuq il-page tal-karta.*

*Av: Iva.*

*Xhud: Eħe.*

*Av: Kellkom miktub hekk. Naqblu?*

*Xhud: Kellna miktub li l-liġijiet jistgħu jiddaħħlu magħna. Eżatt.*

*Av: Eżatt. U naqblu wkoll li Dr Keith German, fil-laqgħa li kellkom fis-16 ta' Marzu tal-2020, kien qalilkom dwar dan?*

*Xhud: Le. F'dik il-laqgħa kienet biss waqt il-Covid. Fil-fatt, iltqajna fuq il-bejt. Jiġifieri qas biss daħħalna ġa kamra ....*

*Av: Imma ma qalilkomx, jew ma tiftakarx li qalilkom?*

*Xhud: Ma qalilniex, għax il-punt tal-laqgħa kienet biex niddeċiedu meta kien ħa jsir Il-punt prinċipali.*

*Imħallef: Tajjeb. Din il-karta tiftakar taqraha?*

*Av: Forsi tkun tista' tara ...*

*Imħallef: Fejn għandek ir-regolamenti x'suppost jiġri. Din hija l-karta li jiggwida l-kandidati.*

*Xhud: Tal-karta tal-eżami?*

*Imħallef: Yes. Yes.*

*Xhud: Jista' jkun qrajtha dak il-ħin. Imma dik ma tkunx provduta lilna qabel, jiġifieri dak il-ħin waqt l-eżami.*

*Av: Le, dak il-ħin.*

*Imħallef: Dak il-ħin.*

*Xhud: Le, qbadt u bdejt l-eżami. Jiġifieri ma qrajthiex."*

x. L-episodju mertu tal-kawża odjerna seħħ fit-tieni karta;

xi. Fl-ewwel siegħa tal-eżami, Dr German beda jdur l-imwejjed u jiċċekkja d-dokumenti tal-kandidati;

xii. Il-verżjoni tal-attriċi[6] hija li hi kienet ir-raba' persuna li ġiet iċċekkjata u hu ħadilha file sħiħ bil-liġijiet ta' Malta u qala' minnu xi karti li kienu

[6] Affidavit a fol 59 et seq

parti mill-Kodiċi Ċivili u li fuqhom kellha kitba[7]. Hu nfurmaha li kien ser jehodhom u jżommhom hu waqt l-eżami għax dawn ma setgħux jintużaw waqt l-eżami. Hi weġbitu li mhux problema iżda kompliet li jekk dan kien ifisser li b'xi mod setgħet teħel mill-eżami kellu jaqbad u jgħidilha biex ma tagħmilx ġurnata sħiħa eżami għalxejn. L-attriċi ssostni li Dr German qalilha li ma kienx ser jiġri hekk għax l-aqwa li hu kien jaf li mhux ser tkun użat dawn il-karti waqt l-eżami. Għalhekk ħadhomlha u hi kompliet l-eżami. L-eżami dam diversi sigħat. Wara li l-attriċi lestiet u kienet qed tistenna li tiġi pprintjata l-karta hi u Dr German qagħdu jitkellmu. Qabel ma telqet riedet tieħu l-karti li kien ħadilha Dr. German, iżda hu qalilha li l-karti kien ser iżommhom. Hi staqsietu x'kienet ir-raġuni ladarba ma kinitx użathom u hu qalilha li jrid ikun ġust għax kien żamm ukoll il-karti ta' persuna oħra li kienet laħqet telqet. Reġgħet staqsietu x'jista' jiġri u huwa wieġeb li għal massimu l-eżaminaturi ta' fuq il-bord jgħidulha xi ħaġa waqt l-orali imma ma kellhiex għalfejn tinkwieta għax hu stess kien ser jgħidilhom li l-karti ma użathomx;

xiii. Din il-verżjoni dwar dak li seħħ waqt it-tieni eżami <u>mhijiex kondiviża</u> mill-konvenuti. Fix-xhieda tiegħu[8] Dr Keith German ċaħad li f'xi ħin

[7] Dawn il-karti huma esebiti a fol 63 et seq fl-attir tal-proċeduri kostituzzjonali Rik Nru 226/20

[8] Fol 89 et seq

waqt jew wara l-eżami huwa ta xi garanzija lill-attriċi li mhux ser tiġi skwalifikata għax hu ma setax jieħu xi deċiżjoni waħdu. Deċiżjoni tittieħed mill-Bord kolleġjalment. Ċaħad ukoll li kellu xi konverżazzjoni mal-attriċi wara li spiċċa l-eżami tat-tieni karta. Ikkonferma li huwa żamm il-kopja tal-Kodiċi Ċivili iżda rritornalha l-kopja tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa kompla jispjega li[9] -

*"Dr Fiorella Fenech Vella: Mela Dr German waqt l-eżami sewwa, meta kontu qegħdin tivverifikaw id-dokumenti l'għandhom l-istudenti magħhom x'ġara meta wasalt għas sinjura Portelli, x'ġara u spjega sew lil-Qorti.*

*Xhud: Sewwa meta wasalt u kienet ir-raba' waħda jidhirli jiġifieri meta qed niċċekjaw kandidat, kandidat jiena ftaħt il-kotba ovjament dak il-ħin l-ewwel initial reaction tiegħi kienet għedtilha "Dawn x'inhuma?" b'ton irrabjat ħa nkun onest' qaltli kważi stat imbikma u kienet tidher għax kienet eċitata jiġifieri, qaltli tippretendi li niftakar kollox u ejja qaltli mela jiena se niftakar kollox u jiena dort fuqha għedtilha mela sħabek x'qed jagħmlu mhux l-istess qed jagħmlu bħalek skużi qed tara lil xi ħadd illi għandu l-affarijiet miktubin imbagħad ħadtilha dak il-ħin, għedtilha ħa jkolli neħodlok il-karti dak il-ħin, għedtilha għalissa kompli l-eżami għax jien ma kelli nerġa' ngħid ma kelli l-ebda dritt li nwaqqafha at that stage bħala Bord member u kompliet l-eżami jiġifieri.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Tiftakar jekk saqsietikx xi ħaġa oħra apparti dan il-kliem li għedt?*

*Xhud: Le, ma niftakarx essatt jiena kont kawt ħafna anke meta kellimtha jiġifieri number one kien hemm sħabha fil-viċinanzi ma riedx nisfratta eżami dik ħaġa oħra li qgħadt attent ukoll jiġifieri li ma riedx illi tinqala' dak il-ħin quddiem kullħadd hemmhekk hu.*

[9] Fol 94 et seq

*Dr Fiorella Fenech Vella: X'tgħidilna rigward il-ħin meta r-rikorrenti ħarġet mill eżami?*

*Xhud: Le, kif ħarġet mill-eżami ġiet fuqi kien hemm fil-preżenza ta' Dr Paul Callus ukoll għax kien spiċċa mill-kamra tiegħi. Qaltli isma tista terġa' ttini n-noti hawn il liġi insomma għax irrid nipprepara għal l-oral u eċċetra, eċċetra għedtilha le għax jien dawn bilfors irrid nippreżentahom lill-Bord biex jevvalwaw ovjament il-każ hu, jiġifieri.*

*Il-Qorti: U hekk għamilt bihom in-noti?*

*Xhud: Hekk hu ħadthom fil-fatt fil-preżenza ta' Dr Callus nerġa' nikkonferma and that was that hu.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Għedtilha xi ħaġa oħra apparti dawn l-affarijiet?*

*Xhud: Le, mhux li niftakar ta I mean ma kienx hemm, kienet tidher diżapuntata ħafna I mean ovjament hu jiġifieri nifhem li kienet inkwetata naħseb hu ovjament pero' ma kienx hemm affarijiet oħra.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Hemm xi prassi illi l-kandidati jistgħu ġġibu magħhom xi klawżoli biex jużaw waqt l-eżami?*

*Xhud: Le, lanqas xejn jiġifieri din hi kienet taf iktar għax kienet esperjenzat ukoll mis-sena ta' qabel il-proċedura jiġifieri u il-kandidati kollha jafu illi ma jistgħux iddaħlu materjal għax inkella ma jibqax l-iskop tal-eżami jekk kullħadd jista' jdaħħal kollox u ovjament jagħmel l-eżami tal-warrant, m'huwiex ġurnata tax-xogħol kif qalet hi l-eżami tal-warrant."*

xiv. Dr Paul Callus, Nutar tal-Gvern li kien preżenti wkoll dakinhar tat-tieni eżami xehed[10] li matul it-tieni karta tal-eżami huwa kien qed jisorvelja l-kandidati f'kamra oħra. Wara li spiċċa l-eżami u ġabar il-karti tal-

[10] Fol 127

kandidati tal-kamra tiegħu huwa mar fil-kamra fejn kien hemm Dr German u kien hemm l-attriċi li qed tippreżenta l-karti tagħha lil Dr German. Fil-preżenza tiegħu l-attriċi staqsiet lil Dr German jekk setgħetx tieħu lura noti ta' paragrafi fuq il-Kodiċi Ċivili li hija kellha waqt l-eżami u li kienu ġew ikkonfiskati minn Dr German. Minn naħa tiegħu Dr German infurmaha li huwa kien ser jgħaddi kollox lill-Bord tal-Eżaminaturi. Xehed ukoll li f'ebda mument Dr German ma serraħ moħħ l-attriċi li m'għandhiex għalfejn tinkwieta fuq dak li ġara waqt l-eżami rigward in-noti li ġew ikkonfiskati mingħandha iżda qalilha li ser jinforma lill-Bord sabiex jieħdu deċiżjoni dwar l-istess kandidata;

xv. Permezz ta' skambju ta' emails dwar dan il-każ, il-membri tal-Bord waslu għal deċiżjoni li ġiet ikkomunikata minn Dr Keith German għan-nom tal-Bord lill-attriċi permezz ta' email datata 2 ta' Lulju 2020[11]. Din l-email tgħid hekk –

*"Notarial Warrant Exam 2020*

*Dear Ms Portelli*

*Reference is made to the seized material which was found on your desk during Paper 2 of the Notarial Warrant Exam held on Saturday 28th June 2020.*

*The material was analysed by the Board of Examiners who unanimously agreed that:*

[11] Fol 7

- *the material found in your possession during the exam contained full drafted clauses and applications with the intention of being used and copied to answer the relevant questions.*

- *You are disqualified and be considered to have failed the exam."*

xvi. B'reazzjoni għal din id-deċiżjoni l-attriċi wieġbet dakinhar stess permezz ta' email indirizzata lil Dr German[12] -

*" I am deeply shocked with the Board's decision since I was confident facing this year's exam after having gone through three years of practice, particularly spending this last year carrying out intense practice at Dr Reuben Debono's office. In fact, I was able to do the 10-hour exam without consulting with the laws and I didn't find any problem in such matter, which further proves that I was more than ready to complete the exam and had absolutely no intention of copying any statutory declarations and/or drafting.*

*Under these cirvumstances, I feel that I should have at least the opportunity to voice my concerns and recount the events of what happened on the 27th June in order to present my claim for the reconsideration of the Board's decision."*

xvii. Dr German għan-nom tal-Bord wieġeb l-għada 3 ta' Lulju 2020[13] -

*"Your matter has been discussed with the Board.*

*As no submissions can disprove the fact that you were in possession of material which was expressly prohibited both in prior information communicated to you prior to the exam and also*

[12] Fol 8
[13] Fol 9

*specifically in the introductory page of both examinaton papers, irrespectively of whether you made use of it or not, you broke trust and committed a serious breach of the examination rules. Hence the decision of the Board is irrevocable.”*

xviii. F’petizzjoni bla data indirizzata lil Dr German[14] l-attriċi qalet li hija kienet qed topponi d-deċiżjoni tal-Bord stante li ġiet imċaħħda mid-dritt għal smiegħ xieraq, li l-karta tal-eżami tagħha ma ġietx ikkoreġuta u ma sarilhiex l-eżami orali. Hija lmentat li ġiet meqjusa li weħlet mill-eżami meta hija waħda mill-ewwel kandidati li ġew iċċekkjati l-karti tagħhom waqt l-eżami u hija għamlet l-eżami sħiħ mingħar użu tal-liġijiet. Talbet għal dawn ir-raġunijiet li l-Bord jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu u jikkoreġi l-karta tagħha u jsirilha l-eżami orali.

xix. B’korrispondenza ulterjuri tad-9 ta’ Settembru 2020 il-Bord żamm ferm il-pożizzjoni tiegħu;

xx. Fl-4 ta’ Jannar 2021 ġew intavolati l-proċeduri odjerni.

[14] Fol 10

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

1. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija li l-Bord tal-Eżaminaturi mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attriċi. Il-Qorti tieħu nota li fis-Sottomissjonijiet tagħhom **il-konvenuti irtiraw din l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom** fid-dawl ta' sentenzi li ingħataw f'dan ir-rigward u għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

2. **Fit-tieni eċċezzjoni** l-konvenuti jissollevaw il-punt li f'dawn it-tip ta' proċeduri, l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deċiż fit-28 ta' Settembru 2016 -**

> *"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*
>
> ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***
>
> *"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop*

*tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[15] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[16]**.**

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[17] *ingħad li –*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija fondata.

Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi saljenti, l-għemil amministrattiv li dwaru tressaq l-ilment mill-attriċi ma kellu ebda sehem fih l-Avukat tal-Istat li la huwa

[15] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[16] (Nru 777/06) Deċiż 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[17] Cit Nru 1236/07

rappreżentat fil-Bord tal-Eżaminaturi u lanqas kellu sehem dirett jew indirett fi kwalunkwe stadju ta' dak il-proċess.

**Għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti ser tintlaqa'.**

**Mertu**

It-talba tal-attriċi hija sabiex il-Qorti tiddikjara li l-għemil amministrattiv tal-Bord konvenut, riferibbli għad-deċiżjoni tiegħu li wasslet għall-iskwalifika tal-attriċi mill-eżami ta' kwalifika, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess Bord li hija m'għaddietx minn tali eżami li jsir ai termini tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa null, invalidu u mingħajr effett fil-liġi. Dan stante li fil-fehma tagħha, tali għemil amminstrattiv sar bi ksur tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) u (iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-artikolu 469A tal-Kap 12 jipprovdi hekk -**

> *"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> *(.......)*
>
> *(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(.......)*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixx abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(.....)*

*(2) F'dan l-artikolu –*

*"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant,*
*deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

*Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;*

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."*

Ingħad hekk in materja fil-każ **Anthony Grima et vs George Micallef et deċiż fil-25 ta' Frar 2022 -**

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Borg noe v. Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta** deċiża fl-1 ta' Marzu 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet*

*is segwenti osservazzjonijiet dwar in-natura tal-azzjoni ai termini tal Artikolu 469A:*

*Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorità pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires). F'din l ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha jista` jirrizulta meta l-att isir minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorità, ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta' gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorità billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorità pubblika;"*

Inoltre, ġie elaborat hekk minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta et deċiż fis-17 ta' Ġunju 2020 -**

*"Illi r-rekwizit li awtorita' li tkun qed tiehu decizjoni tibbaza d-decizjoni taghha fuq il konsiderazzjoni relevanti jorbot sfiq mal-element tar-ragonevolezza fid-dritt amministrattiv. Id-definizzjoni seminali tar-ragonevolezza rikjesta minn awtorita pubblika li tkun qed tezerciza diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi inghatat minn Lord Greene fis-sentenza Associated Provincial Picture Houses vs Wednesbury Corporation:*

*person entrusted with a discretion must . . . direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey these rules,*

*he may truly be said . . . to be acting 'unreasonably.' lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66, 90, 91 gave the example of the red-haired teacher, dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another. It is true to say that, if a decision on a competent matter is so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it, then the courts can interfere. That I think, is quite right; but to prove a case of that kind would require something overwhelming.*

*Fir-rigward ta' dak li illum il gurnata hija maghrufa bhala Wednesbury unreasonableness, intqal minn Lord Diplock fis-sentenza Council for Civil Service vs Minister for Civil Service:*

*It applies to a decision which is so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it.*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** *(PA 30/012020) fejn intqal hekk:*

***Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-principju generali li meta tissindika ghemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew hazin, bhalma jsir fil-kaz ta' appell, li jidhol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, igifieri jekk giex imhaddem fil-qafas tas-setghat moghtija mil-ligi. L-istharrig gudizzjarju huwa ghalhekk mekkanizmu fundamentali biex jizgura li l awtoritajiet pubblici ma jaqbzux il-limiti taghhom u tigi mharsa s-saltna tad- dritt. Ghalhekk meta Qorti tissindika ghemil amministrattiv, hija tiddeciedi biss jekk dak l-ghemil ghandux jithassar jew le, izda ma tbiddilx decizjoni mehuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgha li tiddecidieha b'ohra mehuda mill Qorti stess[18];***

*Illi jista' jinghad li id f'id mal-kwestjoni tar-ragonevolezza ta' decizjoni jew ghemil amministrattiv, tidhol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintghamlu biex twassal ghat-tehid ta' tali decizjoni jew ghemil. Din ukoll hija wahda mill-kawzali li fuqhom l-attur isejjes il-kaz tieghu. Maghhom u minhabba l-kawzali specifika tat-*

[18] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

*thaddim tar-ragonevolezza, jidhol tabilfors l element tat-thaddim tad-diskrezzjoni li l-ligi taghni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun hadet dik id-decizjoni.*

*[…]*

*Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità tagixxi ragonevolment mhux l istess bhad-dmir li tagixxi bona fide. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli.*

*Il-kejl tar-ragonevolezza jista' jitqies bhala l-mod kif ghemil amministrattiv ma jithalliex ikun agir arbitrarju jew kapriccuz. Izda jekk kemm-il darba jirrizulta li d-decizjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-ragonevolezza, imbaghad il-Qorti ta' stharrig ma jifdlilha l-ebda setgha li tindahal fuq is-siwi ta' dik id decizjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel maghha jew jekk kinitx tiddeciedi bhalha."*

Fl-isfond tal-prinċipji ġurisprudenzjali suesposti l-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li **l-artikolu 7 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk dwar il-Bord ta' Eżaminaturi -

*"(1) Il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili għandu f'Novembru ta' kull sena jaħtar għal perjodu ta' tnax-il xhar Bord ta' Eżaminaturi li jkun magħmul mill-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat illi s-soltu jkun jippresjedi fil-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern, nutar prattikant li jkun ġie propost mill-Kunsill Nutarili u żewġ nutara prattikanti oħra:*

*Iżda l-ebda nutar ma jista' jkun parti mill-Bord sakemm ma jkunx ipprattika l-professjoni tiegħu għal mill-inqas għaxar snin.*

*(2) Il-Bord għandu jagħmel l-eżami ta' kwalifika msemmi fl-artikolu 6(1)(f) wara li jkun aċċerta ruħu li r-rekwiżiti tal-paragrafi (a) sa (e) tiegħu jkunu ġew sodisfatti, u għandu jwettaq kull funzjoni oħra assenjata lilu minn dan l-Att jew minn xi liġi oħra.*

*(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kull regolament applikabbli, il-Bord għandu jirregola il-proċeduri tiegħu."*

Huwa minnu li b'mod ġenerali, ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-prinċipji ta' ġustizzja naturali għandhom jiġu osservati mill-awtoritajiet pubbliċi fil-kors ta' proċeduri li jwasslu għal deċiżjoni dwar drittijiet jew aġir ta' persuna. Il-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob għalhekk li qabel ma' tittieħed deċiżjoni amministrattiva dwar xi ħadd, dan għandu jingħata l-opportunita' li jsemma' leħnu u jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu.

Fil-każ odjern, u mill-provi mressqa l-Qorti tqis li b'rabta mat-tieni eżami u anke fid-dawl ta' dak li qalilha wara l-eżami Dr Keith German, fil-preżenza tan-nutar Paul Callus, l-attriċi kienet mgħarrfa li l-kwistjoni dwar il-karti li tteħdulha mill-istess Dr German waqt l-eżami ma kinitx magħluqa. Kienet mgħarrfa wkoll li dawn il-karti kkonfiskati kienu ser jiġu mgħoddija lill-Bord sabiex tittieħed deċiżjoni dwarha.

Mhuwiex kontestat li l-attriċi ma ntalbitx sabiex tissottometti r-rappreżentazzjonijiet tagħha lill-Bord qabel ma ħa d-deċiżjoni tat-2 ta' Lulju

2020 permezz ta' liema hija ġiet infurmata dwar l-iskwalifika tagħha mill-eżami u li kienet meqjusa li weħlet mill-eżami.

Il-Bord jikkontendi li quddiemu kellu każ ta' *res ipsa loquitur* u kwindi ma kien hemm ebda lok li jisma' x'għandha xi tgħid l-attriċi qabel wasal għal deċiżjoni. Dan stante l-fatt li l-kandidati kellhom il-konsapevolezza sa minn qabel l-eżami u anke fuq il-karti tal-eżami stess li huma ma setgħux idaħħlu magħhom klawżoli biex jintużaw waqt l-eżami. Għall-Bord, il-fatt li materjal ikkonfiskat mingħand l-attriċi kellu klawżoli sħaħ draftjati fuqhom bi ksur tar-regoli tal-eżami u tal-fiduċja, allura s-smigħ tal-attriċi ma kien se jbiddel xejn minn dan l-istat ta' fatt.

Mhuwiex ikkontestat ukoll li l-Bord żamm ferm ma' din il-pożizzjoni anke meta l-attriċi talbet speċifikatament li tagħti l-verżjoni tagħha bil-għan li l-Bord jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu.

Mingħajr ma tippronunzja ruħha jew tidħol fil-mertu tad-deċiżjoni tal-Bord in kontestazzjoni fil-kawża odjerna, jew jekk din kinitx waħda tajba jew le, l-Qorti trid tevalwa jekk l-għemil amministrattiv u d-deliberazzjonijiet tal-Bord imorrux kontra d-dettami tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) u (iii) tal-Kap 12.

Meta tqis il-provi mressqa l-Qorti tosserva li matul il-proċess li finalment wassal lill-Bord għad-deċiżjoni mpunjata huwa kellu l-għarfien tal-fatt li –

(i) sa minn qabel ma' l-kandidati, inkluż l-attriċi, resqu għall-eżami huma kienu nfurmati li setgħu jdaħħlu magħhom liġijiet rilevanti iżda mhux abbozzi ta' kuntratti jew klawżoli li jintużaw f'kuntratti miktuba fuqhom[19];

(ii) il-karti tal-eżami nfushom kellhom miktub abjad fuq l-iswed li l-kandidati setgħu jikkonsultaw biss *"it-testi tal-liġi"*[20];

(iii) il-karti kkonfiskati tal-attriċi kellhom miktubin fuqhom numru konsiderevoli ta' klawżoli li jintużaw f'kuntratti[21];

(iv) id-dispożizzjonijiet tal-Kap 55 stess u l-liġijiet sussidjarji tiegħu partikolarment il-kwalifiċi għall-ħatra tan-nutara u l-kodiċi ta' etika tan-nutara.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ssib li l-pożizzjoni tal-Bord li dan kien każ ta' *res ipsa loquitur* hija waħda raġjonevoli u ġustifikata fiċ-ċirkustanzi u kwindi ma jistax

[19] Għal kull buon fini jingħad li għalkemm l-attriċi tiċħad li l-kandidati kienu ngħataw din l-informazzjoni fil-laqgħa li kellhom fl-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, hija ġiet kontradetta mhux biss minn nutar tal-Gvern innifsu imma wkoll minn nutar li dakinhar bħala kandidat kien attenda għal dik il-laqgħa.

[20] Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tinnutax li l-attriċi, fuq ammissjoni tagħha stess, ikkonfermat li hi lanqas biss qrathom il-linji gwida fil-bidu tal-karta tal-eżami.

[21] **Ara d-dokumenti kkonfiskati li fihom notamenti kopjużi ta' klawżoli sħaħ minn atti pubbliċi u referenzi simili folio 66 et. seq.**

jingħad li l-Bord kien qed jikser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali meta pproċeda internament bid-deliberazzjonijiet u d-deċiżjoni tiegħu dwar il-każ.

Lanqas ma ġew miksura ħtiġijiet proċedurali mandatorji. L-attriċi tikkontesta l-fatt li l-Bord iddiskuta u ddeċieda l-każ tagħha permezz ta' emails u mhux permezz ta' laqgħa/t formali. Il-Qorti iżda tissottolinea li apparti l-fatt li l-liġi stess takkorda l-fakulta' lill-Bord li jirregola l-proċeduri tiegħu, il-perjodu tal-każ in diżamina kien wieħed partikolari ħafna fejn kien hawn fis-seħħ diversi miżuri b'rabta mal-pandemija. Kwindi ma jirriżulta ebda nuqqas da parti tal-Bord li għażel li jiddiskuti u jiddelibera permezz tal-posta elettronika.

L-attriċi tattribwixxi wkoll abbuż tas-setgħa tal-Bord. Mhux biss fil-fehma tagħha l-proċeduri mill-Bord tmexxew b'mod fqir, imma wkoll ċerti kummenti minn xi membri tal-Bord saru bi preġudizzju kontriha u kienu parzjali apparti li jirriflettu l-mentalita' punittiva tal-Bord.

Il-Qorti ma tikkondividix din it-teżi tal-attriċi.

Li jirriżulta mill-iskambju ta' emails bejn il-membri tal-Bord huwa li kull membru esprima l-opinjoni tiegħu dwar il-viċenda biex finalment waslu għal deċiżjoni unanima dwar il-każ.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li l-kumment magħmul minn membru tal-Bord – "*Would be interesting to know who they did their notarial practice with*[22]*"* kien kompletament barra minn loku u żejjed ukoll wieħed vojt, dan fil-kuntest tal-mertu li kienu qed jiddeliberaw dwaru. L-aġir xejn għaqli tar-rikorrenti m'għandux jirrifletti ma' min hi għamlet il-prattika tagħha. Madankollu l-Qorti ma ssibx li dan il-kumment b'xi mod influwixxa fuq id-deċiżjoni aħħarija tal-Bord li, kif ingħad, kienet mibnija fuq il-fatti li, għall-istess Bord, kienu jitkellmu waħedhom. Ebda kumment, vojt kemm hu vojt, ma kien se jibdel l-aġir tar-rikorrenti waqt l-eżami jew ineħħi l-effett negattiv tal-fatt li hi daħlet magħha materjal projbit.

Fl-assjem tagħhom il-Qorti ssib li fid-deliberazzjonijiet tiegħu l-Bord iffoka fuq il-fatti kif kienu seħħew u mhux fuq mentalita' *a priori* punittiva tal-Bord. Lanqas irriżulta xi preġudizzji personali kontra l-attriċi. Anzi, f'email minnhom Dr Keith German kien qed juri t-tħassib tiegħu dwar l-implikazzjonijiet ta' dak li ġara fil-każ tal-attriċi fejn qal li[23] *"My biggest dilemma is that one of the candidates is the same candidate that failed last year. This would mean that she will never have the right to sit for the notarial exam again unless the law is changed....".* Dan kuntrarjament għal dak insinwat mill-attriċi li Dr German għadda l-kumment bi preġudizzju kontriha.

[22] Fol 505 tal-proċeduri kostituzzjonali Rik Nru 226/20
[23] Fol 507 tal-proċeduri kostituzzjonali Rik Nru 226/20

Għal kull buon fini jiġi rilevat ukoll li, evidentement il-kliem *"maliciously concealed*[24]*"* ma kinux qed jirreferu għall-attriċi stante li dawn intqalu b'referenza għall-kandidata l-oħra li l-klawżoli tagħha ma kinux miktubin bl-idejn bħal tal-attriċi iżda li kienu saru b'mod li jidhru li kienu parti mill-liġijiet ta' Malta.

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Bord ma abbużax mis-setgħa tiegħu, la fid-deliberazzjonijiet u lanqas fid-deċiżjoni li ħa fit-2 ta' Lulju 2020 u f'dawk sussegwenti.

Isegwi għalhekk li t-talbiet tal-attriċi ser jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha filwaqt li għall-istess raġunijiet u safejn kompatibbli ma' dak deċiż, ser jintlaqgħu il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom u tiddikjara li l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u tilliberah għalhekk mill-osservanza tal-ġudizzju**

[24] Fol 507 tal-proċeduri kostituzzjonali Rik Nru 226/20

**filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**